**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 07 ta' Ottubru 2024**

**Rikors Numru 249/2022**

**Cassar *Fuel* Limited (C 28453)**

**Vs**

**Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Riżorsi**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ġuramentat ippreżentant minn **Cassar *Fuel* Limited** fit-18 ta' Marzu 2022 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:-

*Illi l-esponenti ġiet notifikata b'ittra uffiċjali numru 463/22 mill- Awtorità ta' Malta Dwar ir- Riżorsi intimata u tinstab formalment u għall- kull effett li trid il-liġi ai termini tal- Artikolu 466 (2) tal- Kapitolu 12 tal- Liġijiet ta' Malta, tikkontesta u tipprotesta ruħha għat- talba tal- Awtorità' intimata stante li talli talba hija nfondata fil- fatt u fid-dritt kif jista' ampjament jirriżulta waqt is-smigħ qtar-rikors odjern.*

*Illi t-talba u sejħa interposta u l- interpellanza għall- multa fin-nuqqas hija irregolari u nġustifikata.*

*Illi jirriżulta ampjament illi hija qatt ma kienet importatur għal- ebda fuel u ai termini tal-istess liġi għandu jkun l-istess importatur li mingħandu s-soċjetà' mittenti akkwistat il-fuel, l-entita li se mai għandha u jispetta li tagħti rendikont tal- importazzjoni mitluba. Illi dan il-fuel huwa akkwistat mingħand Enemed plc trattat u skond l- istandards opportuni prefissi mir- REWS mgħoddi min punt Doganali min naħa tal-istess importatur Enemed plc u hu*

*huwa prodott għall- konsum tal-vetturi (automotive) li jinxtara mingħand Enemed plc.*

*Illi s-soċjetà' mittenti dejjem irrispondiet għall- kull interpellanza li saret mill- Awtorità u mir- Regolatur li hija mhijiex l-importatur tal-fuel, iżda cio nonstante l-istess Awtorità intimata qatt ma interpellat lill- eventwali importatur u tinstab inġustament tinterpella s-soċjetà rikorrenti.*

*Illi fi kwalsiasi każ is-soċjetà rikorrenti dejjem ottemprat ruħha u dejjem tibgħat d-data u informazzjoni opportuna għall- kull kwantità tal- fuel li hija taħdem lir-Regolatur.*

*Illi kif premess diversi drabi u kif ser jkun ampjament aċċertat fis-smigħ tar-rikors odjern u kif jidher f'korrispondenza regolari li saret fir-rigward jiġi ribadit illi s-soċjetà rikorrenti hija "DISTRIBUTUR" u mhux IMPORTATUR tal-fuel.*

*Illi kull talba u obbligu premess mill- Awtorità ai termini tal- Regolamenti dwar Emissjonijiet tal- Gas b'effett Serra tul iċ-ċiklu tal- ħajja mill- Karburanti S.L.S 423,48 m jaqax fuq is-soċjetà rikorrenti iżda fuq l-entita li tfornixxi l-istess rikorrenti.*

*Illi jsegwi illi kull interpellanza fl-ittra 463/22 għandha tiġi respinta bl-ispejjes kontra l- Awtorità intimata.*

*Illi għalkemm hemm fuel li jgħaddi minn punt Doganali dan mhuwiex l-istess fuel li jintuża għall-iskop in kwistjoni (cioe Automotive Fuel).*

*Għaldaqstant s-soċjetà rikorrenti umilment titlob;*

1. *Illi din L-Onorabbli Qorti wara li tikkunsidra l-artikli kollha tal-liġi u r-regolamenti u l-fatt illi s-soċjetà rikorrenti ma tgħaddix min punt doganali u għaldaqstant m'għandiex obbligazzjonijiet premessi mill- Awtorità ai termini tar- Regolamenti dwar Emissjonijiet tal- Gas b'effett Serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja mill-Karburanti S.L.S 423,48.*

2. *Illi din l-Onorabbli għandha konsegwentement tordna u tiddeċiedi illi l-Awtorità intimata u/jew r-Regolatur (REWS) ma jistgħux jitolbu l-ħlas u kwindi ma jistgħux jimponu ebda multa arbitrarja u nġusta u jsegwi li s-soċjetà rikorrenti għandha tiġi liberat mill-osservanza tal- iskrutinju inġustifikat u l-Awtorità intimata ma għandha ebda jedd u dritt titlob multi u esekuzzjoni ta' ebda ammont jew kreditu jew obbligazzjoni premessi fl-ittra uffiċjali 463/22 u tali pretenzjonijiet ma jirriżultawx fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Riżorsi** ippreżentata fit-3 ta' Mejju 2022 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

*Illi t-talbiet kollha tar-rikorrenti kontenuti fir-rikors bin-numru 249/2022 RGM, ghandhom jiġu kollha michudha u dana ghas-segwenti ragunijiet:*

1) *Illi preliminarjament is-soċjetà rikorrenti addotat proċedura żbaljata meta intavolat rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artiklu 466(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-ittra uffiċjali bin-numru 463/22 ġiet maħruġa mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Rizorsi ai termini tal-Artikolu 4(4) u l-artikolu 31, 31A u 31B tal-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux taħt il-proċedura stabbilita taħt l-artikolu 466(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti m'hijiex l-forum kompetenti biex tisma', taqta u tiddeċiedi din it-tip ta' kawża u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti fil-fehma umli tal-esponenti għandha tiddikjara ruħha inkompetenti biex tieħu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti.*

2) *Illi preliminarjament ukoll, il-forum kompetenti għal din it-tip ta' kawża huwa it-Tribunal dwar ir-Reviżjoni Amministrattiva u li għaldaqstant r-rikorrenti kellu jintavola appell quddiem it-Tribunal dwar ir-Reviżjoni Amministrattiva a tenur tal-artikolu 34 u tal-artikolu u, jew l-artikolu 31(6) tal-Kap. 423 tal-Liġijiet ta' Malta biex jikkontesta l-ittra uffiċjali 463/22.*

3) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-Awtorità intimata magħmula permezz tal-ittra uffiċjali 463/22 huma fondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, kif se jirriżulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawża, u li huma pjuttost il-pretensjonijiet esposti fir-rikors tar-rikorrenti li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ukoll se jirriżulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

4) *Illi ukoll mingħajr preġudizzju għas-suespost s-soċjetà intimata Cassar Fuel Limited (C28453) hija "fornitur" ai termini tar-regolamenti Regolamenti dwar*
*l-Emissjonijiet tal- Gas b'effett Serra tul ic-ciklu tal- hajja mill-Karburanti S(.L.423.48) billi hija entità responsabbli biex tgħaddi karburanti jew enerġija minn post ta' dazju tas-sisa jew, u meta ma jkun hemm ebda sisa dovuta, hija entità rilevanti maħtura mill-Awtorità għal dan il-għan. Illi minkejja li l-Awtorità interpellat lis-soċjetà intimata biex hija tibgħat l-informazzjoni rilevanti għal diversi drabi hija xorta waħda baqgħat inadempjenti u li għalhekk kellha tirrikorri għal*

*proċedura ai termini tal-Artikolu 4(4) u l-artikolu 31, 31A u 31B tal-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta.*

5) *Illi l-istess Awtorità mittenti kellha tinterpella lis-soċjeta rikorrenti sabiex fi zmien għoxrin (20) jum min-notifika tal-ittra uffiċjali bin-numru 463/22 tipprovdi l-informazzjoni u, jew data responsabbli dwar l-intensità tal-gassijiet serra tal-fjuwil u l-enerġija mqiegħda minnha fis-suq matul is-sena 2020, kif interpellat lilha bl-annessa deċizjoni mibgħuta lis-soċjetà intimata u kif deskritt fl-istess Regolamenti u dana wara li l-Awtorità interpellat lis-soċjetà rikorrenti diversi drabi biex tipprovdi l-istess informazzjoni u, jew data, iżda li minkejja dan hija xorta waħda baqgħat inadempjenti.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jissottometti li t-talbiet tas-soċjeta rikorrenti għandhom jiġu miċħudha għar-ragunijiet imsemmija, bl-ispejjez kollha kontra s-soċjeta rikorrenti.*

Ra s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Marzu 2023 fejn laqgħat l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorita` intimata u ddikjarat li t-Tribunal odjern huwa l-*forum* kompetenti biex jisma' u jiddeċiedi din il-vertenza;

Ra illi ai termini tal-artiklu 741 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat li l-atti tal-kawza jiġu trasferiti qudiem dan it-Tribunal;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' x-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra illi r-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi s-soċjetà rikorrenti (iktar 'il quddiem "Cassar") ħassitha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kontenut f'ittra uffiċjali datata 3 ta' Frar 2022 li permezz tagħha ġiet infurmata bis-segwenti:[1]

*Bil-preżenti l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Riżorsi ta' Millennia Buildings , Aldo Moro Road, Marsa, tagħmel riferenza għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 4(4) tal-Att dwar l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kapitolu 423 tal-*

[1] Dokument EZL a fol. 91

*Ligijiet ta' Malta) u tagħmel referenza ukoll għar-Regolamenti dwar Emissjonijiet tal- Gass b'Effett Serra tul iċ-Ċiklu tal-Ħajja mill-Karburanti (L.S. 423,48), li jiddisponu interalia „fir-regolament 3(2) tagħhom li;*

*"3(2) il-fornituri għandhom jirrappurtaw lill- Awtorita' dwar il-qawwa tal-gass b'effett serra li jkollhom il-karburanti u l-enerġija fornuta billi, mill-inqas, jipprovdu din l-informazzjoni li ġejja:*

*(a) Il-volum totali ta' kull tip ta' karburanti jew enerġija fornuti, billi jissemma mnejn dawn ikunu nxtraw u xi tkun l-oriġini tagħhom;*

*(b) Emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal kull unita' ta' enerġija ;*

*(c) Il- mogħdijiet ta' produzzjoni tal-bijokarburanti ;*

*(d) Il-volumi ta' bijokarburanti derivati mill-materja prima kif kategorizzati fil-Parti A tar-Raba' Skeda ; u*

*(e) L-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għal kull unita' ta' enerġija prodotta tul iċ-ċiklu tal- ħajja , inklużi l-valuri medji proviżorji tal-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art mill-bijokarburanti :*

*Izda :*

*(a) L-fornituri għandhom jirrappurtaw id-data billi jużaw d- definizzjonijiet u l-metodu ta' kalkolu stipulati fl- Ewwel Skeda:*

*(b) d-data għandha tiġi rappurtata ta' kull sena billi jintuża l-mudell stipulat fit-Tielet Skeda;*

*(c) tali rapport għandu:*

*(i) jiġi ppreżentat kull sena sa tmiem Marzu ta' kull sena dwar is-sena kalendarja ta' qabel:*

*(ii) jkun skont kwalunkwe linjigwida li l- Awtorita' tista' tistabbilixxi jew tadotta:*

*(iii) jkun soġġett għal verifika ; u*

*(d) għal dawk il-fornituri li jkunu SMEs, japplika l-metodu simplifikat stabbilit fl-Ewwel Skeda."*

*illi s-soċjetà' intimata Cassar Fuel Limited (C28453) hija "fornitur" ai termini tal-istess regolamenti billi hija entita' responsabbli biex tgħaddi karburanti jew enerġija minn post ta' dazju tas-sisa jew, u meta ma jkun hemm ebda sisa dovuta, hija entita' rilevanti maħtura mill- Awtorità' għal dan il- għan.*

*Illi minkejja li l- Awtorità' interpellat lis-soċjetà intimata biex hija tibgħat l-informazzjoni rilevanti (ara d-dokumenti annessi MRA 1) hija xorta waħda baqgħat inadempjenti.*

*Illi l-istess Awtorità' mittenti qiegħda tinterpella lis-soċjetà' intimata sabiex fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tipprovdi l-informazzjoni u, jew data responsabbli dwar l-intensita tal-gassijiet serra tal-fjuwil u l-enerġija mqiegħda minnha fis-suq matul is-sena 2020, kif deskritt fl-istess Regolamenti u dana wara li l- Awtorità interpellat lilha diversi drabi biex tipprovdi l-istess informazzjoni u, jew data, izda li minkejja dan hija xorta waħda baqgħet inadempjenti.*

*Fin-nuqqas li s-soċjetà intimata tottempera ruħha mal-imsemmija provvedimenti fil-liġi, u tkompli tikser xi disposizzjoni tal-imsemmija Att u, jew liġi sussidjarja u/jew xi regolamenti magħmulin taht il- Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew att ieħor li l-Awtorità għandha jedd tinforza, u l-istess deċiżjoni tal-Awtorità tas- 16 ta' Novembru 2021 u li ma tirregolax ruħha fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, l- Awtorità qiegħda timponi fuqha multa amministrattiva ai termini tal- Artikolu 4(4) u l-artikolu 31,31A u 318 tal- Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 4 tar-Regolamenti dwar Emissjonijiet tal-Gass b'effett Serra tul iċ-Ciklu tal-Ħajja mill-karburanti (L.S.423,48), fl-ammont ta' għoxrin elf ewro (€20,000).*

*Inoltre l-Awtorità mittenti tavżak illi jekk tibqa' inadempjenti se jitteħdu, mingħajr ebda pre avviż ieħor il-proċeduri opportuni kontra l-istess soċjetà intimata.*

*Tant sabiex tkun avżata u biex tagħraf tevita proċeduri u spejjez inutili.*

**PROVI**

Illi l-kontestazzjoni prinċipali da parti ta' Cassar hija li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Awtorita` intimata, hija distributur u ma hix importatur ta' ebda *fuel* u għalhekk m'għandha ebda obbligi li tagħti rendikont tal-importazzjoni kif mitluba mill-istess Awtorita`.

**L-Inġinier Maurizio Busuttil**, uffiċjal tal-Awtorita` intimata, xehed illi fost affarijiet oħra, huwa jieħu hsieb l-implimentazzjoni tal-Liġi Sussidjarja 423.48, f'liema liġi hemm obbligu li kull fornitur, sal-aħħar ta' Marzu ta' kull sena jrid jipprovdi rapport lill-Awtorita` jekk ikun poġġi xi *fuel* fuq is-suq li jaqa' taħt l-iskop tal-msemmija liġi u għandu obbligu li jnaqqas għal sitta fil-mija (6%) il-*lifecycle greenhouse gas emissions*.

Kompla jispjega li biex entita` tpoġġi *fuel* fis-suq, u ċioe` tgħaddi *fuel* mill-*excise duty point*, trid tkun "*a REWS authorised provider"*. Spjega li kull *authorised provider* għandu l-obbligu ta' rapurtaġġ dwar il-*fuel* li jkun poġġa fis-suq. Spjega in oltre, illi anke jekk *authorised provider* ma jkunx poġġa

ebda *fuel* fis-suq *through an excise duty point* xorta wahda jrid jirraporta li m'ghandux x'jirraporta.

Spjega li fl-2021 kienet l-ewwel sena fejn kien hemm l-obbligu legali tat-tnaqqis ta' 6% kif spjegat iktar 'il fuq b'referenza għall-*fuel* mibjugħ fl-2020. Kompla jgħid li filwaqt li fis-snin ta' qabel Cassar kienet tibgħat rapport lill-Awtorita` intimata fejn kienet tiddikjara li ma kellhiex obbligu li tirraporta għaliex jew xtrat il-*fuel duty paid* jew inkella għaliex ma kinitx taqa' taħt l-iskop tal-liġi, fis-sena 2021 irraportat biss li ma kellhiexx obbligu li tirraporta mingħajr ma tat ebda raguni. Għalhekk l-Awtorita` kitbet lura lil Cassar biex tagħti raguni għala kienet qed issostni hekk. Pero` Cassar baqgħat qatt ma tat raguni kif mitluba. Għaldaqstant huwa gab dan il-fatt a konjizzjoni tal-Kap Eżekuttiv.

Spjega addizzjonalment illi meta l-fornituri jibgħatu r-rappurtaġġ tagħhom, l-Awtorita` intimata tibgħat l-istess rappurataġġ lir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma. Spjega li pero` peress li Cassar ma kienet irraportat xejn, l-Awtorita` ma bagħtitx l-istess rapurtaġġ lir-Regolatur u min-naħa tiegħu ir-Regolatur ma għamel ebda rimarka dwar dan. Spjega li n-nuqqas ta' Cassar kien fil-fatt li qatt ma ssostanzjaw id-dikjarazzjoni li għamlu fir-rappurtaġġ tal-2021 riferibilment għas-sena 2020.

**Nathanael Sacco**, *Finance Manager* tas-soċjeta` rikorrenti, xehed illi Cassar dejjem imxiet bl-istess mod dwar ir-rapportaġġ tagħha lill-Awtorita` intimata. Spjega li Cassar ċemplet diversi drabi lill-Awtorita` intimata fejn spjegat l-operat tagħha, u ċioe` li l-*fuel* mixtri kien ikun ġia` lest għas-suq u trattat skont ir-Regolamenti fis-seħħ u li per konsegwenza ma kellhom xejn x'jirraportaw. Spjega li kien jaf li Cassar anke talbet laqgħat biex tfiehem din il-posizzjoni, anke wara li ġew intavolati dawn il-proċeduri, pero` ma kien hemm ebda reazzjoni da parti tal-Awtorita` intimata. Ix-xhud esebixxa kuntratt bejn Cassar u Enemed Co. Ltd. datat 17 ta' Ottubru 2019, minn fejn jirriżulta illi l-*fuel* li Cassar tixtri biex tissuplixxi l-vetturi jinxtara "duty paid".

**Ikkunsidra:**

Illi ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 423.48 (Regolamenti Dwar Emissjonijiet tal-Gass B'Effett Serra Tul iċ-Ċiklu Tal-Ħajja Mill-Karburanti) , kull **fornitur** awtorizzat mir-REWS li jgħaddi karburant/enerġija minn post tad-dazju tas-sisa għandu obbligu li kull sena jirraporta lill-Awtorita` intimata dwar id-diversi materji elenkati fl-istess Legislazzjoni, u dan, fost oħrajn, bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-karburanti.

Illi fil-fehma tat-Tribunal huwa mportanti li jissenjala l-komunikazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet qabel ma l-Awtorita` intimata ħadet id-deċiżjoni appellata, u ċioe`:

Permezz ta' emejl datata 16 ta' Novembru 2021 l-Awtorita` intimata kitbet lil Cassar hekk:-

*Dear Mr. Mark Cassar,*

*As the representative of an entity responsible for passing fuel or energy through an excise duty point, please find attached correspondence from the Malta Resources Authority (MRA) re: Subsidiary Legislation 423.48, Lifecycle Greenhouse Gas Emissions fro Fuels Regulations, as amended by Legal Notice 410 of 2017.*

*In line with regulation 3 of the above mentioned Regulations, entities responsible for passing fuel or energy through an excise duty point are required to:*

- *Report to the MRA information on the greenhouse gas intensity of fuel and energy placed on the market, and*
- *Reduce as gradually as possible life cycle greenhouse gas emissions per unit of energy from fuel and energy placed on the market by a minimum of 6% by the 31st December 2020, as described in the same Regulations.*

*Thus, please report to the MRA information on the greenhouse gas intensity of fuel and energy placed on the market with respect to the year 2020 by not later than the 30th of November 2021.*
*Detailed information on the above is available in the correspondence attached and at http://mra.org.mt/climate-change/lifecycle-ghg-emissions.* [2]

Permezz ta' emejl datata 1 ta' Diċembru 2021, l-Awtorita` intimata fakkret lil Cassar dwar l-emejl tas-16 ta' Novembru 2021, u ċioe`, dwar l-obbligu tar-rappurtaġġ dwar il-"*greenhouse gas intensity of fuel and energy placed on the market with respect to the year 2020 by not later than Friday coming, 3rd December 2021."*[3]

Permezz ta' emejl datata 2 ta' Diċembru 2021 Cassar informat lill-Awtorita` intimata li għas-snin 2019 u 2020 ma kellha ebda obbligu tirraporta ai termini tal-L.S. 423.48.[4]

[2] A fol. 96
[3] A fol. 99
[4] A fol. 100

Permezz ta’ emejl datata 6 ta’ Diċembru 2021, l-Awtorita` intimata talbet għall-koperazzjoni ta’ Cassar sabiex tipprovdilha spjegazzjoni għala ma kellhiex obbligi tirraporta. Cassar ġiet infurmata wkoll li din l-informazzjoni għandha tingħata mingħajr dewmien.[5]

Permezz ta’ emejl datata 7 ta’ Diċembru 2021, ċertu Marthese, impjegata ta’ Cassar, infurmat lill-Awtorita` intimata li ma kinitx f’posizzjoni li tirrispondi stante d-Direttur kien assenti għal dik il-ġimgħa.[6]

Fis-17 ta’ Diċembru 2021 Cassar bgħatet emejl lill-Awtorita` fejn talbet għal laqgħa fil-bidu ta’ Jannar 2022.[7] L-Awtorita` bgħatet emejl oħra fl-istess ġurnata fejn talbitha tissuggerixxi data għal laqgħa. Madanakollu fakkritha li kien għad għandha pendenti l-obbligu tar-rapurtaġġ għas-snin 2020. Informatha wkoll illi l-Awtorita` kienet qed tirriserva d-drittijiet tagħha biex tmexxi kontriha jekk dan ir-rapurtaġġ ma jsirx.[8]

Permezz ta’ emejl datata 20 ta’ Diċembru 2021, Cassar informa lill-Awtorita` li kif kienet diġa` informat lill-Awtorita`, ma kellha ebda obbligu fir-rigward tas-snin 2019, 2020 u 2021. Madankollu Cassar talbet għal laqgħa fil-5 ta’ Jannar 2022 fl-uffiċji tal-Awtorita`.[9] Fl-istess ġurnata l-Awtorita` wieġbet lil Cassar u qaltilha li l-kontenut tal-emejl li ntbagħtet kien simili għall-kumment tat-2 ta’ Diċembru 2021 u għalhekk kienet għadha qed tesiġi spjegazzjoni għal tali dikjarazzjoni. Għaldaqstant interpellatha sabiex tibgħat l-informazzjoni mitluba bla dewmien. Fir-rigward tal-laqgħa mitluba, l-Awtorita` infurmatha li kienet se terġa’ tirriverti fi stadju ulterjuri.[10]

Mill-provi jidher illi l-imsemmija laqgħa qatt ma seħħet, u li min-naħa tagħha Cassar qatt ma bagħtet l-informazzjoni rikjesta mill-Awtorita`. Għaldaqstant, meta rat hekk l-Awtorita` intimata ħadet id-deċiżjoni kif riflessa fl-ittra uffiċjali datata 3 ta’ Frar 2022 kontestata f’dawn il-proċeduri.

Illi t-Tribunal jissenjala illi għalkemm fir-rikors promutur issir referenza illi Cassar mhux “importatur” iżda “distributur”, il-Legislazzjoni Sussidjarja 423.48 titkellem dwar “fornitur”. Di fatti fl-istess legislazzjoni it-terminu “importatur” ma jissemmiex. Għaldaqstant, l-obbligi li joħorġu mill-imsemmij Liġi huma fuq il-fornitur.

---

[5] A fol. 102
[6] A fol. 102
[7] A fol. 111
[8] A fol. 111
[9] A fol. 111
[10] A fol. 113

Di fatti ai termini tar-Regolament 3 (2) tal-L.S. 423.48 "*Il-fornituri għandhom jirrappurtaw lill-Awtorità dwar il-qawwa tal-gass b'effett serra li jkollhom il-karburanti u l-enerġija fornuta billi, mill-inqas, jipprovdu din l-informazzjoni li ġejja:*

*(a) il-volum totali ta' kull tip ta' karburanti jew enerġija fornuti, billi jissemma mnejn dawn ikunu nxtraw u xi tkun l-oriġini tagħhom;*
*(b) emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal kull unità ta' enerġija;*
*(c) il-mogħdijiet ta' produzzjoni tal-bijokarburanti;*
*(d) il-volumi ta' bijokarburanti derivati mill-materja prima kif kategorizzati fil-Parti A tar-Raba' Skeda; u*
*(e) l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għal kull unità ta' enerġija prodotta tul iċ-ċiklu tal-ħajja, inklużi l-valuri medji proviżorji tal-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art mill-bijokarburanti:*

*Iżda:*

*(a) l-fornituri għandhom jirrappurtaw id-data billi jużaw d-definizzjonijiet u l-metodu ta' kalkolu stipulati fl- Ewwel Skeda:*
*(b) d-data għandha tiġi rappurtata ta' kull sena billi jintuża l-mudell stipulat fit-Tielet Skeda;*
*(ċ) tali rapport għandu:*
*(i) jiġi ppreżentat kull sena sa tmiem Marzu ta' kull sena dwar is-sena kalendarja ta' qabel:*
*(ii) jkun skont kwalunkwe linji gwida li l-Awtorità tista' tistabbilixxi jew tadotta:*
*(iii) jkun soġġett għal verifika; u*
*(d) għal dawk il-fornituri li jkunu SMEs, japplika l-metodu simplifikat stabbilit fl-Ewwel Skeda.*

Imbagħad ai termini tas-sub regolament (3) il-fornituri għandhom, fost affarijiet oħra, inaqqsu kemm jista' jkun gradwalment emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal kull unità ta' enerġija minn karburanti u enerġija fornuti sa 6% sal-31 ta' Diċembru 2020.

Illi permezz tal-ewwel talba, fejn dak li qed jintalab ma hux daqshekk ċar, it-Tribunal fehem li Cassar qed titlob li jiġi dikjarat li m'għandhiex obbligazzjonijiet li tirraporta stante li ma tgħaddix karburant minn punt doganali. Illi min-naħa l-oħra l-Inġinier Busuttil spjega li kull fornitur reġistrat mar-REWS għandu tali obbligu. Illi ma ġiex kontestat, għalkemm ma nġabet ebda prova, illi Cassar huwa fornitur reġistrat mar-REWS u kwindi bħala tali, anke jekk ma jgħaddix karburant minn punt dognali, xorta waħda jrid

jissottometti rapport ai termini tal-L.S. 423.48. Illi dan huwa ammess anke mill-istess Cassar bl-aġir tagħha stante li għal iktar minn sena waħda issottomettiet dikjarazzjoni mal-Awtorita` intimata li ma kellux x'jirraporta stante li ma poġġietx karburant fis-suq. Illi għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi nonostante li jista' jkun li Cassar ma poġġietx karburant fis-suq fis-sena 2020, xorta kellha l-obbligu li tirraporta u tagħti raguni għal tali rapurtaġġ, kif fil-fatt għamlet mis-sena 2015 'il quddiem, ħlief għas-sena 2020. Għaldaqstant l-ewwel talba qiegħda tiġi miċħuda.

Illi fil-kors ta' dawn il-proċeduri l-Inġinier Maurizio Busuttil spjega li fis-snin preċedenti għal dik in kwistjoni, Cassar kienet tiddikjara li m'għandhiex x'tirraporta ai termini tal-L.S. 423.48 u kienet tagħti spjegazzjoni għal tali dikjarazzjoni, u ċioe` li ma kinitx poġġiet fis-suq karburant ai fini tal-imsemmija Legislazzjoni. Madanakollu, għal xi raguni, għar-rapurtagg fir-rigward tas-sena 2020 hija iddikjarat li m'għandhiex x'tirraporta u ma ssostanzjat din id-dikjarazzjoni bl-ebda spjegazzjoni, kif għamlet fis-snin passati. Kien għalhekk li l-Awtorita` insistiet li tingħata xi forma ta' spjegazzjoni. Jirriżulta pero` li din l-ispjegazzjoni għar-rapurtagg tas-sena 2020 qatt ma ngħatat, bir-riżultat li l-Awtorita` intimata pproċediet bl-ittra uffiċjali in kwistjoni fil-konfront tagħha.

Illi min-naħa l-oħra Cassar tgħid li talbet laqgħa sabiex tagħti spjegazzjoni tar-rapport mibgħuta lill-Awtorita` intimata, liema laqgħa pero` qatt ma seħħet peress li ma kienx hemm rieda da parti tal-Awtorita` intimata.

Illi Cassar ressqet prova, anke jekk wara li għalqet il-prova tagħha, li fil-fatt kien hemm skambju ta' emejls bejn Cassar u l-Awtorita` fejn Cassar talbet għal laqgħa, pero` l-Awtorita` baqgħat tinsisti għal spjegazzjoni qabel ma ssir tali laqgħa.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi kien ikun fl-interess ta' kulħadd kieku l-laqgħa mitluba nżammet u dan sabiex Cassar ikollha l-opportunita` li tressaq l-ispjegazzjoni tagħha jew tiċċara xi affarijiet mal-Awtorita`. Madanakollu l-Awtorita` intimata baqgħat tinsisti li akkost ta' kollox l-ewwel tintbagħat l-ispjegazzjoni u mbagħad ikun hemm il-laqgħa.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni spettanti lill-Awtorita` intimata f'kaz ta' inadempjenza, meta fornitur jitlob għal laqgħa sabiex jiddiskuti xi pendenza, l-inqas ħaġa li tista tagħmel l-Awtorita`, qua entita` amministrattiva, hija li tikkonċedi laqgħa biex jiġu ċċarati l-affarijiet, u dan iktar u iktar meta s-sanzjoni hija daqstant oneruza. Jekk wara tali laqgħa l-fornitur jibqa' ma jottemprax ruhu ma dak li tkun qed tesiġi l-Awtorita`, allura mbagħad l-Awtorita` jkollha kull dritt li tmexxi kontra

l-fornitur skont il-liġi. Pero` huwa prinċipju bażilari ta' amministrazzjoni tajba illi jekk tintalab laqgħa ma' enti amministrattiva dwar xi materja li jista' jkollha konsegwenzi serji, din il-laqgħa għandha tiġi konċessa qabel ma tittieħed xi deċiżjoni li tkun se taffettwa b'mod serju lil xi individwu jew entita`.

Illi t-Tribunal fehem illi għalkemm l-Awtorita` intimata kienet bil-għaqal u bdiet tħejji t-triq għal meta d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 tidħol fis-seħħ b'mod mandatorju, issa li r-rapurtaġġ kien wieħed tassattiv kien hemm lok li tagħti iktar assistenza lill-fornituri li jitolbuha forsi tiċċara xi materji in konnessjoni mal-istess Direttiva. Illi filwaqt li t-Tribunal fehem tajjeb il-punt sollevat mill-Awtorita` intimata fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha fir-rigward tal-fatt li Cassar dejjem tat spjegazzjoni għan-nuqqas ta' rapurtaġġ tagħha ħlief għas-sena in kwistjoni, u li għalhekk l-istess Awtorita` kellha kull ragun tissuspetta li possibilment Cassar setgħet kienet qed tostor xi nuqqas tagħha, madanakollu dawn kienu biss suspetti li setgħet semmai tikkonfermahom jew issaħħahom wara li tieħu l-verzjoni ta' Cassar.

Illi għalhekk, lil hinn mill-fatt jekk Cassar kinitx qed tirraporta tajjeb jew le, u dana għaliex il-kwistjoni li għandu quddiemu dan it-Tribunal illum mhix dik, l-Awtorita` intimata naqset meta ma tatx widen għat-talba ta' Cassar biex issir laqgħa u għaldaqstant huwa tal-fehma illi l-multa imposta għandha f'dan l-istadju tiġi revokata, indipendentement minn jekk fl-aħħar mill-aħħar l-Awtorita` jew Cassar kellhomx ragun jew tort f'dak li kienu qed isostnu.

Illi t-Tribunal mhux se jidħol fil-kwistjoni jekk Cassar għandhiex titqies bħala "fornitur" jew le ai termini tal-L.S. 423.48 għaliex din il-kwistjoni mhix il-punt li abbażi tiegħu ittieħdet id-deċiżjoni appellata. Id-deċiżjoni ttieħdet minħabba l-inadempjenza ta' Cassar sabiex tagħti spjegazzjoni għala fl-opinjoni tagħha ma kellhiex obbligu li tirraporta ai termini tal-imsemmija Legislazzjoni.

Illi stante li t-Tribunal se jirrevoka d-deċiżjoni appellata mhux se jidħol fil-kwistjoni jekk il-multa amministrattiva mposta kinitx waħda sproprozjonata jew le u dana sabiex ma jippreġudikax kwalunkwe eżerċizzju li l-Awtorita` hija mistiedna tagħmel qabel terġa' tieħu d-deċiżjoni tagħha.

**DECIDE**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija u fit-termini strettament hawn fuq enunċjati, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi:

1. jiċħad l-ewwel talba u konsegwentement jilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-Awtorita` intimata;

2. jilqa’ t-tieni talba u għalhekk jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kif kontenuta fl-ittra uffiċjali numru 463/22 datata 3 ta’ Frar 2022;
3. jiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-Awtorita` intimata ħlief għall-ewwel u t-tieni eċċezzjoni li diġa ġew deċiżi permezz tas-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta’ Marzu 2023.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**